MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Numru. 21/2004

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
vs
Aldo Pace

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Aldo Pace, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 26386(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn 19 ta' Mejju 2003 u 20 ta' Mejju 2003 gewwa il-lokalita ta' B'Kara;

1. Ghamel offiza ta'natura hafifa (hekk kif iccertifikat minn Dr M Shaw MD) fuq il-persuna ta' PC 1587 Albert Bonnici ID 260671(M), persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta' l-artikolu 95 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni ta' PC 1587 Albert Bonnici u PC 534 J Cini pesuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. ma obdiex ordni legittima ta l-Awtorita jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku specifikament ta' PC 1587 A Bonnici u PC 534 J Cini, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiethom billi ma hallihomx jaghmlu dak li bil-ligi jkunu ordnati jew jistghu jaghmlu jew billi ga fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor ikun li jkun bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imputat Aldo Pace b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissata mill-Qorti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana meta kien qieghed isirlu l-ezami skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali waqt is-seduta tas-26 ta' Frar, 2004;

Il-Qorti tat lill-imputat iz-zmien xieraq sabiex jikkonsidra din ir-risposta tieghu, wissietu bil-konsegwenzi skond il-Ligi ta' tali ammissjoni, izda wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jerga jahsibha huwa baqa itenni illi ried jirregistra ammissjoni.  Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 392 (a) tal-Kodici Kriminali accettat ir-risposta tieghu.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti tiddikjarah hati ta' l-istess imputazzjonijiet u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 95, 96, 338 (ee), u 17 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel u b'hekk evita li issir il-kumpilazzjoni, ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi l-ufficjal prosekutur, flimkien ma l-avukat difensur qabel illi l-partijiet involuti fl-incident meritu tal-imputazzjonijiet odjerni illum il-gurnata hafru lil xulxin u ma ghadx ghandhom pretenzjonijiet ulterjuri fil-konfront ta' xulxin, kif ukoll il-fatt illi l-ufficjal prosekutur iddikjara illi l-imputat ikkopera bis-shih mieghu matul l-investigazzjoni. Ghal dawn il-ragunijiet il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara illi jkun aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba u ghaldaqstant wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegata lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------